**Opportunitajiet Indaqs għal persuni b'diżabilità riflessi fil-Media**

Laqgħa ma' Rappreżentanti tal-Media Lokali

*25 ta' Jannar 2007* – Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) organizzat laqgħa ma' rappreżentanti tal-media lokali kollha nhar il-Ħamis 25 ta' Jannar 2007. Din l-attività saret fil-Lukanda Intercontinental bl-għan li tgħin lil dawn ir-rappreżentanti juru l-persuni b'diżabilità fil-media b'mod aktar pożittiv. Dan biex ikun hemm użu ta' termininoloġija u xbihat fil-media aktar adattati li jistgħu jkollhom impatt kbir fuq il-pubbliku ġenerali.

Is-sena 2007 hija s-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għall-Kulħadd kif ukoll l-20 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kummissjoni. Għalhekk il-KNPD iddeċidiet tiċċelebra dawn iż-żewġ avvenimenti importanti permezz ta' program ta' sena mimli attivitajiet. Dan bl-appoġġ finanzjarju tal-programm

Komunitarju ta' l-Unjoni Ewropea biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni.

L-ewwel attività għalhekk kellha l-għan li tippromwovi dawn l-attivitajiet u tħeġġeġ lill-media biex ittihom rappurtaġġ tajjeb. Fl-istess ħin l-KNPD xtaqet tgħin lir-rappreżentanti tal-media jgħarrfu jimxu ma' linji gwida essenzjali fil-mod kif jiġu rappreżentati persuni b'diżabilità. Dawn il-linji gwida huma ta' għajnuna kbira għaliex jistgħu jgħinu lill-ġurnalisti, xandara u preżentaturi televiżivi, fost l-oħrajn, biex jagħmlu għażla aħjar meta jiġu biex jużaw u jagħżlu termininoloġija u xbihat ta' persuni b'diżabilità. B'rappurtaġġ u b'xbihat pożittivi, il-media tista' tgħin biex persuni b'diżabilità u l-familiji tagħhom ikollhom opportunitajiet tassew indaqs.

Iċ-*Chair* tal-Kummissjoni, is-Sur Joe Camilleri ta preżentazzjoni dwar it-tema u spjega kif se tiġi organizzata attività kull xahar u għalhekk l-appoġġ tal-media huwa essenzjali matul is-sena 2007. Fl-istess waqt għamel appell lir-rappreżentanti tal-media biex jagħmlu sforz akbar sabiex il-persuni b'diżabilità jidhru b'mod dinjituż fl-artikli u fil-programmi televiżivi, fost l-oħrajn. Is-Sur Camilleri saħaq kemm huwa importanti li nifhmu li soċjetà tassew inklussiva hija waħda li tgħaraf id-differenzi li hemm bejn tip ta' diżabilità u ieħor. Dan għaliex persuni differenti għandhom ħtiġijiet differenti.

Is-Sur Alfred Bezzina, Direttur Eżekuttiv tal-Kummissjoni, min-naħa tiegħu spjega f'aktar dettal l-attivitajiet ta' kull xahar ippjanati għal din is-sena. Dawn l-attivitajiet għandhom l-appoġġ finanzjarju tal-Programm Komunitarju ta' l-Unjoni Ewropea biex Tiġġieled id-Diskriminazzjoni. Fil-fatt il-KNPD din is-sena ngħatat 150,000 euro sabiex twettaq il-programm tagħha. Fost l-attivitajiet se jkun hemm laqgħa dwar il-Konvenzjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità tal-Ġnus Magħquda kif ukoll eżibizzjoni dwar l-għoxrin sena ta' ħidma tal-KNPD.

F'indirizz li ta lill-mistiedna waqt din il-laqgħa, l-On. Dr Alfred Sant, Kap ta' l-Opposizzjoni, tenna l-appoġġ tiegħu għall-appell tas-Sur Camilleri sabiex il-media tirrefletti il-valuri li kulħadd huwa ndaqs u li persuni b'diżabilità huma membri sħaħ tas-soċjetà. Għalhekk il-Kodiċi ta' Prattika fix-Xandir joffri bażi tajba għal din il-ħidma, huwa żied.

Il-Prim Ministru, l-On. Dr Lawrence Gonzi, spjega kemm saru avvanzi fil-mentalità dwar id-diżabilità mit-twelid tal-Kummissjoni fl-1987. Il-Prim Ministru qal li s-soċjetà hija obbligata twieġeb għall-isfida biex il-persuni b'diżabilità jkollhom id-drittijiet tagħhom. Huwa fakkar lil dawk preżenti li xi ħaġa li nistgħu nkunu kburin biha hija li l-ewwel att tal-millennju l-ġdid kien propju l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), u dan kien bi qbil bejn iż-żewġ partiti.

Rappreżentanti mill-oqsma kollha tal-media ħadu sehem f'din il-laqgħa, jiġifieri gazzetti, stazzjonijiet tat-televixin u tar-radju u djar ta' produzzjoni. Kien hemm preżenti wkoll numru ta' persuni b'diżabilitajiet differenti li b'mod informali komplew d-diskussjoni waqt l-ikel. Din l-attività kienet okkażjoni importanti biex ikompli jitkattar għarfien akbar fis-soċjetà Maltija dwar dan il-qasam.

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità twaqqfet fit-3 ta' Novembru 1987 permezz ta' stqarrija parlamentari mill-On. Louis Galea, dak iż-żmien Ministru tal-Politika Soċjali. Hija timpenja ruħha biex is-Soċjetà Maltija tkun waħda inklużiva, b'mod li l-persuni b'diżabilità (permezz ta' opportunitajiet indaqs fl-oqsma kollha tal-ħajja) jilħqu l-milja tagħhom bħala bnedmin li jgawdu minn kwalità ta' ħajja għolja.